# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 172/2022 ISB**

**AD + PD, il-Perit Carmel Cacopardo u Ralph Cassar**

**Vs**

**Avukat ta' l-Istat u l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Carmel Cacopardo et**, tat-30 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara illi ghar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedu d-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem ghad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa kif provdut f'Artiklu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif ukoll tikostitwixxi diskriminazzjoni skont l-artikolu 45 tal-*

*Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u kif provdut f'Artiklu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

2) *Tiddikjara illi għar-raġunijiet fuq esposti, l-intimati kisru/illedu d-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem rigward il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni kif provdut fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artiklu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq inkluż id-dikjarazzjoni li l-Artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kull referenza għal Artikoli 52 u 52A kemm f'Artiklu 61A2b u Artiklu 662b tal-Kostituzzjoni kif ukoll fir-Regolamenti 21a, Regolament 23a u Regolament 24 u oħrajn Annessi mat-Tlettax-il Skeda Regolament tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) fl-Att Dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, imorru kontra l- Kostituzzjoni u li huma nulli u mingħajr effett u li kull azzjoni li saret taħthom hija nulla u bla effett.*

U dan wara illi ppermettew:

1. *1. Illi AD + PD hu partit politiku awtonomu u demokratiku. Hu partit li jħaddan politika ekoloġista, progressiva u riformista, u li jaħdem b'mezzi demokratiċi, inkluż l-elezzjonijiet ġenerali, lokali u dawk għall-Parlament Ewropew, favur politika ġdida u nadifa, differenti minn dik tal-partiti tradizzjonali, politika li tpoġġi l-interessi taċ-ċittadini kollha qabel dawk tal-partiti, tal-politiċi u tal-lobbies. Illi esponenti tal-partit ikkontestaw l-Elezzjonijiet Nazzjonali fl-1992, 1996, 1998, 2003, 2008, 2013, 2017 u 2022. Huma kkontestaw ukoll l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-2004, 2009, 2014 u fl-2019.*

2. *Illi l-AD + PD ikkontestat l-elezzjonijiet ta' Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) u ippreżentaw għaxar kandidati u għoxrin kandidatura, b'kandidati fuq kull distrett elettorali, inkluz ir-rikorrenti Carmel Cacopardo u Ralph Cassar. Il-voti ngħaddu taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Elettorali tul il-jum tal-Ħadd 27 (seba u għoxrin) ta' Marzu 2022. Ir-riżultat*

*elettorali kien ippubblikat nhar it-Tnejn 28 (tmienja u għoxrin) ta' Marzu 2022.*

3. *Illi kmieni wara nofsinhar tat-Tnejn 28 (tmienja u għoxrin) ta' Marzu 2022 kien imħabbar li ir-riżultat elettorali kien aġġustat billi mal-lista tal-membri eletti żdiedu tnejn oħra mil-lista elettorali ippreżentata mill-PN. Din iż-żieda saret biex ikunu hemm aġġustament għall-proporzjonalità bejn il-voti miksuba mill-partiti parlamentari fl-ewwel għadd tal-voti u s-siġġijiet parlamentari miksuba u dan skond kif tipprovdi l-Kostituzzjoni u ir-regolamenti elettorali fl-iskeda numru 13 mal-Kapitlu 354, l-Att dwar l-Elezzjoni Ġenerali.*

4. *Illi meta sar dan ġew injorati l-voti miksuba mill-partit AD+PD fl-ewwel għadd tal-voti, liema voti kienu jammontaw għal 4747, ammont li hu ikbar mill-kwota nazzjonali. Din hi diskriminazzjoni fil-konfront tal-partit AD+PD, tal-kandidati tiegħu, inkluz ir-rikorrenti, kif ukoll ta' kull min ivvota għal AD+PD. L-skartar tal-voti miksuba mill-partit AD+PD żvaluta l-proċess demokratiku u dan għax uħud mill-voti – dawk miksubin mill-kandidati tal-Partit Laburista u tal-Partit Nazzjonalista qed jingħataw valur billi jittieħdu in konsiderazzjoni u dawk tal- AD+PD qed ikunu skartati kompletament.*

5. *Illi b'żieda ma dan, il-proċess elettorali hu mistenni li jkompli fil-ġranet li ġejjin u dan billi l-emendi kostituzzjonali li saru permezz Att Numru XX ta' 2021 jipprevedu li wara li jkun konkluż il-proċess ta' bye-elections assoċjati mal-elezzjoni ġenerali, l-Kummissjoni Elettorali talloka mhux iktar minn tnax-il siġġu parlamentari addizzjonali, sitta lil kull naħa biex jonqos l-iżbilanċ tal-ġeneru fil-Parlament. Dan ser ikompli jżid il-problema ta' rappresentanza parlamentari billi ser iżid ir-rappresentanza tal-partiti parlamentari biss – il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista u jkompli jinjora l-bqija.*

6. *Illi din id-diskriminazzjoni fil-konfront tal- AD + PD tirrizulta mill-Artiklu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan għax joħloq mekkaniżmu kostituzzjonali biex in-numru ta' Membri Parlamentari eletti mill-partiti politiċi differenti f'elezzjoni ġenerali jkun jirrifletti b'mod proporzjonali il-voti tal-elettorat, imma tali proporzjnalità hi riservata biss f'każ li jkun biss żewġ partiti li jkun kisbu siġġijiet parlamentari u hi eskluża f'kull każ*

*ieħor; mekkaniżmu kostituzzjonali li jipprovdi żieda ta' siġġijiet parlamentari, b'numru ta' kandidati addizzjonali fiċ-ċirkostanzi skont ma jiġi stabbilit minn u skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tar-Regolamenti dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) li hemm fit-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali u l-Anness ma' dik l-Iskeda.*

7. *Illi din iż-żieda ta' kandidati eletti jgħodd biss fil-kas li jkunu eletti kandidati taż-żewġ partiti – u ċioe il-partiti l-kbar il-Partit Laburista jew il-Partit Nazzjonalista. Illi dan mhux trattament indaqs fil-konfront tal-AD + PD u huwa mekkaniżmu mingħajr għan leġittimu li jxejjen id-dritt tal-espressjoni ħielsa tal-votanti.*

8. *Illi inoltre, ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-effett diskriminatorju tal-Artiklu 52A tal-Kostituzzjoni li ġie introdott permezz tal-Att Numru XX ta' 2021 intitolat "**Att sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta Malta u l l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali sabiex jiżgura ugwaljanza de facto bejn in-nisa u irġiel fil-politka**" li ġie ppubblikat fis-supplement tal-Gvern ta' Malta Numru 20,610 fl-20 t'April 2021.*

9. *Illi dan l-Artiklu jipprovdi għal-mekkanizmu li permezz tiegħu jingħataw siġġijiet addizjonali fil-Parlament u jidħol fis-seħħ biss jekk jiġu eletti kandidati ta' żewġ partiti u mhux jekk jiġu eletti kandidati ta' iktar partiti u/jew saħansitra kandidati indipendenti.*

10. *Illi dan il-provediment tal-liġi hu diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u individwi oħra li mhumiex kandidati taż-żewġ partiti u tal- AD + PD, għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss ghal dawk il-kandidati li huma assoċjati maż-żewġ partiti li jiġu eletti fil-Parlament u ċioe' dawk tal-Partit Laburista u dawk tal-Partit Nazzjonalista meta jkunu eletti membri ta' żewġ partiti biss, iwassal ukoll messaġġ ċar li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri isseħħ biss permezz ta' żewġ partiti politiċi u bl-esklużjoni tal-bqija.*

11. *Illi dan il-mekkaniżmu jledi fuq id-drittijiet ta' elezzjoni ħielsa u d-dritt tal-liberta' u assoċjazzjoni.*

12. *Illi r-rikorrenti diversi drabi ippreżentaw proposti dwar kif dan kollu jista' jkun rimedjat, inkluż riċentment waqt il-konsultazzjoni pubblika dwar l-emendi kostituzzjonali dwar il-bilanċ tal-ġeneru, imma l-proposti dejjem ġew injorati,*

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' April 2022 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tal-11 ta' April 2022 fin-12:30 p.m.;

Rat ir-**risposta** tal-intimata **Kummissjoni Elettorali** mressqa fit-8 ta' April 2022 u li permezz tagħha eċċeppixxiet:

1. *Illi fl-ewwel lok jigi eccepiet illi l-ghan tal-elezzioni huwa wiehed u cioe illi poplu jigi rapprezentat fl-ghola istituzzioni legislattiva tal-pajjiz u sabiex tigi assigurata governabbilta. Ghalhekk ir-rapprezentanza li tipproduci s-sistema elettorali ma hiex dejjem necessarjament tkun ta proporzjonalita perfetta imma hafna drabi jidahhlu fl-elezzioni mekkanizmi biex jassiguraw sistema bi prattika li tkun taf taghti gvern;*

2. *Illi fit-tieni lok jigi eccepiet illi ma huwiex minnu illi tezisti kwota nazzjonali: Filwaqt li l-ewwel preferenza tal-voti tiddeciedi min ghandu jigverna il-pajjiz biss fejn jew ikun hemm maggoranza assoluta tal-votanti li ghazlu partit wiehed, jew maggoranza relattiva fein kandidati minn zewg partiti biss gew eletti; fir-realta l-ewwel preferenza u l-preferenzi sussegwenti jinghataw lill-kandidati innifshom. Di fatti l-Artikolu 56 tal-Kostituzzioni ma jitkellimx fuq kwoti nazzionali izda fuq kwoti disrettwali li jigi mahduma fuq kull distrett skont in-numru ta' kandidati irrispettivament mill-partit, jekk johrogu ghan-nom tieghu, li jirraprezentaw. Di fatti l-preferenzi li jaghti l-votant ma jaghmlu l-ebda distinzioni bejn il-partiti;*

3. *Illi fit-tielet lok jigi eccepiet illi l-ligi u l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea bl-ebda mod ma timponi xi sistema partikolari ta' votazzioni fuq l-Istat imma thalli 1-Istati fil-liberta taghhom li jaghzlu is-sistema li jkunu jridu huma.Jekk wiehed jara is-sentenzi tal-Qorti Ewropea dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jara kemm il-pozizzioni tar-rikorrenti hija zbaljata billi l-ghazla tas-sistema elettorali purche jigi salvagwardjati l-interessi tad-demokrazjija fis-sens li l-elezzioni tkun hielsa u libera, tithalla fidejn l-istat nazzjonali. Tant hu hekk li hemm diversita kbira fis-sistemi elettorali fost il-pajjizi fl-Ewropa permezz ta' liema jirregola l-elezzjoni f'pajjizhom;*

4. *Illi fir-raba' lok jigi eccepiet illi irrizulta illi l-ilment tar-rikorrenti huwa fil-fatt ilment indrizzat lejn il-pozizzioni taghhom fl-elettorat u l-vot li jirnexxilhom jiksbu fl-elettorat*

5. *Illi fil-hames lok jigi eccepiet illi fil-fatt jirrizulta li l-esponenti u langas il-ligi bl-ebda mod ma ddiskriminat kontra xi persuna partikolari imma necessariament elezzioni hija mekkanizmu li jipprovdi ghal certu diskriminazzioni billi jkun hemm min ha jigi elett u min mhux ser jigi elett fuq ghazla tal-poplu li jaghmel bil-vot tieghu;*

6. *Illi 1-Kap 354 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament "Anness mat-Tlettax-il Skeda" jipprevedi sitwazzioni fejn issir mekannizmu ta' korezzioni fis-siggijiet anki fsitwazzjoni fejn hemm izjed minn zewg partiti eletti u daqstant id-diskriminazzioni allegata mill-istess rikorrenti ma hijiex minnha;*

7. *Illi fir-rigward tal-allegata diskriminazzioni ai termini tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzioni jinghad illi tali Artikolu tal-Ligi, li huwa wiehed provizjorju, qieghed hemm sabiex jibbalncja r-rapprezentanza tal-parlamentari b'generi sesswali differenti mhux generu femminili biss, u dan fih innifsu bl-ebda mod ma jiddiskrimina fil-konfront ta' partiti ohrajn.*

8. *Jigi eccepiet inoltre li lanqas kien hemm vjolazzioni tal-liberta ta' assocjazzioni billi il-ligi bl-ebda ma tinterferixxi kif l-indivdwu jassocja ruhu f partit politiku;*

9. *Fl-ahhar jigi eccepiet illi 1-Kostituzzioni stess ai termini ta' Artikolu 56 tiddisponi illi l-ebda elezzioni ma tista tithassar sakemm ma tkunx mimsusa minn parttici kif elenkati fis-subartikolu 3 tal-istess Artikolu. Jigi eccepiet illi ma hemm l-ebda allegazzioni f dan is-sens li setghu prevalew b'mod li setghu jinpingu fuq ir-rizultat ghalhekk it-talba tan-nullita hija skorretta u langas is-segwi mil-vjolazzioni tad-drittijiet ghal-liema saret referenza fl-ewwel zewg talbiet.*

10. *Illi ghalhekk konsegwentement t-tielet talba ghanda wkoll tigi rigettata ghax ma kien hemm xejn li huwa null jew skorrett fl-elezzioni li giet mizmuma.*

11. *Salv eccezzionijiet ulterjuri, anke in vista tat-termini akkorcati li l-Kummissioni intimata kellha biex taghmel din ir-risposta taghha.*

Rat ir-**risposta** tal-intimat **Avukat tal-Istat** tat-18 ta' April 2022 (fol 12) li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi preliminarjament, qiegħed jiġi rrilevat illi l-okkju tal-proċedura istanti jindika biss lill-partit politiku AD + PD bħala rikorrent u għalhekk, kuntrarjament għal dak indikat fl-intestatura tar-rikors kostituzzjonali odjern, Carmel Cacopardo u Ralph Cassar ma jistgħux jidhru f'dawn il-proċeduri f'isimhom proprju. Cacopardo u Cassar jista' jkollhom **locus standi biss qua rappreżentanti tal-partit politiku AD + PD**, kemm-il darba jiġi ppruvat illi huma debitament awtorizzati sabiex jirrappreżentaw lir-rikorrent;*

2. *Illi in vena preliminari wkoll, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni ġudizzjarja kif dedotta hija oskura u nebolużа għall-aħħar, tant illi hija **improponibbli.** Dan għaliex it-tliet talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu kollha kemm huma stante illi jippreżupponu l-eżistenza ta' **azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura**, ix-xorta u l-konsegwenzi tagħhom. L-ewwel żewġ talbiet jikkonċernaw allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li jista' jkollha effett inter partes biss. It-tielet talba tikkostitwixxi actio popularis li jista' jkollha effett erga omnes. Konsegwentement **electa una via non datur recursus ad alteram**. Kwindi, dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala waħda monka u konsegwentement l-azzjoni kif dedotta hija nulla u bla effett;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, għandu jingħad ukoll illi l-parti tal-ilment li tolqot l-artikoli 12 u 21 tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inammissibbli** u nulla skont l-artikolu 164(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta **għaliex dan l-ilment ma nġiebx b'rikors ġuramentat** iżda nġieb b'rikors mhux maħluf. Tassew ma jidhirx li huwa ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Dan jidher li huwa eskluż ukoll skont ir-regolament numru 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni);*

4. *Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti lanqas tista' ssib ksur tal-Artikoli 12 u 21 tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** stante illi dawn **japplikaw biss f'dak li jikkonċerna l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea,** u mhux f'materji illi jaqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-Istati Membri, bħal ma huma l-elezzjonijiet ġenerali;*

5. *Illi preliminarjament ukoll għandu jingħad illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti in kwantu effettivament qegħdin isostnu illi l-mekkaniżmu elettorali li jemani mill-artikolu 52 u 52A tal-Kostituzzjoni huwa anti-kostituzzjonali u anti-konvenzjonali billi allegatament huwa leżiv tad-dritt tagħhom għal elezzjonijiet ħielsa u tal-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni kif ipprovdut fil-Kostituzzjoni. Din l-Onorabbli Qorti diġa' kellha l-okkażjoni illi tiddetermina li **l-ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew addirittura li jikser xi artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni** u għalhekk isegwi illi l-azzjoni tentata mir-rikorrent ma tista' qatt tirnexxi billi tmur nettament kontra l-prinċipju tas-supremazija tal-Kostituzzjoni;*

6. *Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrespinġi l-pretensjonjiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għar-raġunijiet segwenti;*

7. *Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, in kwantu r-rikorrenti jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-esponent u l-Kummissjoni Elettorali kisru u/jew illedew id-dritt fondamentali ta' elezzjonijiet ħielsa kif ipprovdut fl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u li l-mekkaniżmi attakkati minnhom jikkostitwixxu diskriminazzjoni skont l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jingħad minnufih illi r-rikorrent naqas milli jindika l-bażi li fuqha qed isejjes l-ilment tad-diskriminazzjoni;*

8. *Illi sa fejn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-mekkaniżmi tal-artikolu 52 u 52A tal-Kostituzzjoni mil-lenti tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jingħad illi ma hemm l-ebda ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet u*

*dan għaliex ma hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Sabiex ir-rikorrent ikun jista' jallega li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu ai termini tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, jeħtieġ li jipprova li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' 'like with like' u dan għaliex mhux kull aġir huwa wieħed diskriminatorju;*

9. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li d-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa, li huwa protett mill-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, ġie jew qed jiġi leż fil-konfront tal-AD+PD. L-artikolu preċitat jistipola illi:*

*"The High Contracting Parties undertake to hold free elections at reasonable intervals by secret ballot, under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature."*

*Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qieset illi* ***filwaqt li d-dritt għal elezzjonijiet ħielsa huwa wieħed assolut, l-istati differenti għandhom il-libertà li jiddeċiedu dwar it-tip ta' sistema elettorali li għandu jkollhom****, bħas-sistema tal-first pass the post jew tal-proportional representation. Is-sistema elettorali illi Stat jimplimenta hija fid-diskrezzjoni tiegħu, u kull Stat għandu marġini wiesa' ta' apprezzament dwar dan. Fl-interpretazzjoni tagħha ta' dan l-artikolu, il-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-bniedem qieset illi d-dritt imħares f'dan l-artikolu ma jfissirx illi l-voti kollha għandu bilfors ikollhom l-istess influwenza jew piż fuq ir-riżultat elettorali jew li l-kandidati kollha f'elezzjoni għandu jkollhom opportunità ugwali li jiġu eletti. Fil-fatt, f'sistemi elettorali wieħed isib 'voti moħlija' u dan il-fatt per se ma jivvjolax l-artikolu 3. L-importanti huwa illi l-vot ta' kull elettur ikollu l-possibilità li jinfluwenza l-kompozizzjoni tal-organu leġiżlattiv;*

10. *Illi l-esponent ma jistax ma jinnotax kif ir-rikorrent isejjes l-ilment prinċipali tiegħu fuq il-mekkaniżmu korrettiv, intiż sabiex jassigura proporzjonalità bejn l-ammont ta' voti tal-ewwel preferenza miksuba minn partit partikolari u n-numru ta' siġġijiet li jkollu fil-Parlament, u fl-ebda ħin ma jilmenta dwar l-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni, liema artikolu, fis-sub-artikolu (1) jistipola illi "Il-membri tal-Kamra tad-Deputati għandhom jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz*

*ta' vot singlu trasferibbli minn dak in-numru ta' distretti elettorali, li jkun numru fard u li ma jkunx inqas minn disgħa u mhux iżjed minn ħmistax, kif il-Parlament għandu minn żmien għal żmien jistabbilixxi.";*

**11.** *Illi l-qofol tas-sistema elettorali tagħna huwa l-vot singlu trasferibbli u mhux il-mekkaniżmu korrettiv kif donnu qiegħed jikkontendi r-rikorrent.* ***Sabiex kandidat li jikkontesta l-elezzjoni ġenerali jassigura siġġu fil-Parlament****, irrispettivament mill-Partit li jikkontesta f'ismu,* ***jeħtieġ li jissodisfa l-provvedimenti tal-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni u jġib il-kwota minn distrett elettorali partikolari****, għax is-sistema elettorali tagħna hija msejsa fuq il-kunċett illi numru ta' individwi (il-kwota) jagħżlu individwu sabiex jirrappreżenthom fl-għola istituzzjoni tal-pajjiż. Ir-rikorrent jagħmel referenza għal "kwota nazzjonali", u b'hekk iqis lil Malta u Għawdex bħala distrett elettorali wieħed, meta huwa evidenti li dan mhux il-każ, stante illi l-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni jispeċifika li għandu jkun hemm numru fard ta' distretti elettorali li ma jkunx inqas minn disgħa u iżjed minn ħmistax;*

**12.** *Illi l-mekkaniżmu korrettiv jidħol fis-seħħ biss wara li jkunu eletti l-membri kollha tal-Parlament, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-mekkaniżmu nnifsu huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent, stante illi l-kandidati kollha li jikkontestaw elezzjoni ġenerali ikollhom l-istess opportunità li jiġu eletti fil-Parlament. Il-mekkaniżmu korrettiv jintuża biss sabiex jassigura proporzjonalità bejn in-numru ta' voti miksuba minn partit u n-numru ta' siġġijiet li jkollu fil-Parlament, u b'hekk ikunu evitati riżultati perversi. Ir-rikorrent dan jafu tajjeb, stante li fir-rikors kostituzzjonali tiegħu stqarr illi kkontesta kull elezzjoni ġenerali mill-1996 'l hawn, u dan il-mekkaniżmu daħal fis-seħħ bl-Att Numru IV tal-1987;*

**13.** *Illi l-leġiżlatur kien ċar fl-intenzjoni tiegħu, hekk kif anke rifless fid-dibatittu parlamentari li wassal għall-approvazzjoni tal-Att Numru XI tal-1996:*

*"Qegħdin niżguraw li fil-każ li żewġ partiti biss itellgħu deputati bis-sistema elettorali li għandna neliminaw il-possibbilta' ta' riżultati perversi minħabba l-konfigurazzjoni tal-konfini".*[1]

---

[1] Onorevoli Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami, Dibattitu tal-Kamra tad-Deputati, Is-Seba' Parlament, Seduta Nru. 525, It-Tlieta, 26 ta' Marzu, 1996.

*"Mr Speaker, għal din in-naħa jien nikkonferma li l-Oppożizzjoni taqbel u se tivvota favur l-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna biex jemenda l-Kostituzzjoni b'mod li anke meta jkun hemm żewġ partiti li jkunu rappreżentati fil-Parlament u wieħed minnhom ikollu maġġoranza relattiva allura jiġi assigurat li dak il-partit li jkollu maġġoranza relattiva jkollu t-tmexxija tal-gvern f'idejh".[2];*

*In vista ta' dawn l-iżviluppi Kostituzzjonali, l-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta kellu jkun applikabbli wkoll fl-istess kuntest ta' dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ċioè fejn "kandidati ta' żewġ partiti biss ikunu eletti";*

*Id-dokument li kien ippubblikat għall-konsultazzjoni pubblika jipprovdi li jekk tielet partit jirbaħ siġġijiet parlamentari, ikun meħtieġ li jiġu kkunsidrati emendi kostituzzjonali biex jindirizzaw din il-possibilità kemm f'termini tal-Mekkaniżmu Korrettiv tal-Maġġoranza, u ċioè dak provdut fl-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, u kif ukoll tal-Mekkaniżmu Korrettiv tal-Ġeneru pprovdut fl-Artikolu 52A[3];*

*Is-siġġijiet addizzjonali kreati bl-Artikolu 52A jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partiti rappreżentati fil-Parlament, u dan bl-iskop li r-rieda tal-elettorat f'termini ta' ċifri ta' voti rappreżentati f'siġġijiet, bl-applikazzjoni jew mingħajr tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma tkunx mittiefsa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52A;*

*Jekk kemm-il darba jkun hemm kandidati ta' aktar minn żewġ partiti eletti fil-Kamra tar-Rappreżentanti, il-mekkaniżmu pprovdut fl-artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikax, anke jekk in-numru ta' Deputati Parlamentari tas-sess sottorappreżentat ikun anqas minn erbghin fil-mija, u b'hekk isegwi illi kuntrarjament għal dak allegat, mhux qed tinħoloq diskriminazzjoni fil-konfront ta' kandidati indipendenti jew tat-tielet partit, stante li* ***l-artikolu 52A ma japplikax f'każ li jkunu eletti kandidati ta' aktar minn żewġ partiti, u mhux japplika fil-konfront ta' wieħed jew tnejn mill-partiti a skapitu ta' tielet partit****;*

[2] Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Alfred Sant, Dibattitu tal-Kamra tad-Deputati, Is-Seba' Parlament, Seduta Nru. 525, It-Tlieta, 26 ta' Marzu, 1996.
[3] Vide page 37, Gender Balance in Parliament Reform, 26th March 2019.

**14.** *Illi l-fatt illi l-miżuri korrettivi pprovduti fl-artikoli 52 (dwar proporzjonalità ta' siġġijiet u voti) u 52A (dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru) tal-Kostituzzjoni jiskattaw biss fil-każ illi x-xenarju politiku li jirriżulta wara elezzjoni ġenerali ma jkunx frammentat (u ċioè jekk ikun hemm żewġ partiti biss li jeleġġu membri fil-Parlament) għandu ukoll l-għan leġittimu li dawn il-mekkaniżmi korrettivi ma jispiċċawx biex ikunu huma stess strumenti għall-frammentazzjoni tax-xenarju politiku. Dan apparti l-fatt illi l-istess mekkaniżmi huma diffiċli iżjed biex jiġu implimentati ġustament f'sitwazzjoni ta' ħafna partiti fil-Parlament. Madankollu dawn il-mekkaniżimi ma jnaqqsu xejn mill-possibilità li xi persuna jew li kandidati ta' xi partit, żgħir jew kbir, jiġu eletti fil-Parlament. Għalhekk il-fatt illi l-mekkaniżmi jiskattaw biss f'sitwazzjoni ta' Parlament b'rappreżentanza ta' żewġ partiti bl-ebda mod ma jivvjola l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol. Dan peress illi l-Kostituzzjoni xorta tippreżerva l-libertà u l-ġustizzja tal-elezzjoni ġenerali skont l-istess artikolu;*

**15.** *Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, lanqas huwa minnu illi l-intimati kisru jew illedew il-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni kif ipprovdut fl-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jibda billi jingħad illi kif diġa' eċċepit, ir-rikorrent ma jistax jinvoka l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'dawn il-proċeduri. Safejn imbagħad l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent jissottometti illi dan l-artikolu m'huwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u cioe' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Isegwi għalhekk illi t-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur fir-rigward tal-artikolu 32 hija improponibbli ab initio u qatt ma tista' tiġi akkolta;*

**16.** *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-libertà tal-assoċjazzjoni hija element essenzjali għat-tħaddim tad-demokrazja. L-artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma jipprojbixxu jew jimpedixxu t-twaqqif ta' xi assoċjazzjoni jew ta' xi partit politiku u bl-ebda mod ma jostakolaw id-dritt ta' persuna li tassoċja ruħha ma' oħrajn. Il-fatt illi l-mekkaniżmi korrettivi in kwistjoni jiskattaw biss (wara elezzjoni) jekk fil-Parlament ikunu ġew*

*eletti kandidati ta' żewġ partiti biss bl-ebda mod ma jippreġudika l-libertà ta' assoċjazzjoni;*

17. *Illi kull persuna kwalifikata ai termini ta' Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mhux skwalifikabbli ai termini ta' Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tista' liberament tikkontesta elezzjoni ġenerali u daqstant ieħor tali kandidat jista' jew tista' jassoċja ruħu jew tassoċja ruħha ma' kandidati oħra;*

18. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi nonostante dak li jipprovdu l-artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni, l-elettur jivvota liberament għal liema kandidat irid, ta' liema partit irid, u jista' jaqleb minn partit għal partit fl-għażla tal-kandidatura tiegħu. Dan jista' jagħmlu mingħajr ma jwassal biex b'xi mod is-siwi tal-vot tiegħu fl-għażla tad-deputati fil-Parlament jiġi mnaqqas jew imnaqqar u wisq inqas jiġi ppreġudikat;*

19. *Illi t-tielet talba attriċi, kif diġa' ġie rrilevat, għandha elementi ta' actio popularis, u għalhekk hija inkompatibbli mal-ewwel żewġ talbiet attriċi, in kwantu dawn jikkonċernaw allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li jista' jkollha effett inter partes biss. Kif huwa ben risaput,* ***electa una via non datur recursus ad alteram.*** *Fi kwalunkwe każ, la darba l-lanjanzi tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, isegwi illi t-talbiet konsegwenzjali tiegħu għal kull rimedju, direttiva u kumpens għandhom jiġu miċħuda;*

20. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi jekk tirriżulta l-ħtieġa.*

Rat in-nota tal-intimat **Kummissjoni Elettorali** tat-18 ta' April 2022 (fol 18) li permezz tagħha ippreżentat kopja tar-riżultati uffiċjali tal-Elezzjoni Ġenerali li saret fis-26 ta' Marzu 2022 (Dok KE1 sa Dok KE8, fol 19 sa fol 121);

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2022, saret id-dikjarazzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat li ma kienx qed jinsisti dwar l-ewwel eċċezzjoni minnu mressqa fir-risposta tiegħu;

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2022, xehed minn jeddu r-rikorrent **Ralph Cassar** u ppreżenta kopja tal-istatut tal-AD+PD (Dok RC1, fol 129 sa fol 137), kif ukoll xehed il-**Perit Carmel Cacopardo** u ppreżenta dokument (Dok CC1, fol 141 sa fol 144). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu;

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Settembru 2022, xehed il-**Perit Carmel Cacopardo** in kontro-eżami, kif ukoll l-**Avukat Austin Bencini** li ppreżenta l-ktieb "*Malta's Hybrid Electoral System*" (Dok AB1);

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2023, saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-Avukat tal-Istat li ma kellux aktar provi x'jipproduċi. Rat ukoll li minħabba li l-kawża ġiet differita għal dakinhar bl-intiża ċara li l-intimati kellhom jikkonkludu l-provi tagħhom, il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali estensiva tal-intimati.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2024, wara li semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza  ta' llum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti jikkontendu li l-intimati kisru/illedew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem għad-dritt ta' elezzjonijiet ħielsa ai termini tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll ikkawżaw diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Isostnu wkoll li l-intimati kisru/illedew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem rigward il-liberta' tal-għaqda u ta' assoċjazzjoni ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Jispjegaw li AD+PD huwa partit politiku awtonomu u demokratiku, li jħaddan politika ekoloġista, progessiva u riformista u li ilu jikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali sa mis-sena 1992 u l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew mis-sena 2004.

Jispjegaw li l-partit AD+PD ikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali ta' Marzu tas-sena 2022 fejn ippreżentaw għaxar (10) kandidati, b'kandidati f'kull distrett fosthom ir-rikorrenti, Carmel Cacopardo u Ralph Cassar. Jgħidu li l-voti tal-istess elezzjoni ngħaddu fis-27 ta' Marzu 2022 u r-riżultat uffiċjali tħabbar fit-28 ta' Marzu 2022. Jgħidu li fit-28 ta' Marzu 2022, tħabbar li mal-lista ta' kandidati eletti tal-Partit Nazzjonalista kienu ser jiżdiedu żewġ persuni u dana ai termini tal-iskeda numru 13 tal-Kap 354 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li b'hekk ġew injorati kompletament il-voti miksuba mill-Partit rikorrenti li kienu jammontaw għal erbat' elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin (4,747) vot, liema ammont jeċċedi l-kwota nazzjonali. Jikkontendu li l-iskartar tal-voti miksuba

mill-Partit rikorrenti żvaluta l-proċess demokratiku u wassal għal sitwazzjoni fejn il-voti miksuba mill-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista qed jingħataw aktar valur mill-voti minnhom miksuba.

B'żieda ma' dan, jispjegaw li l-proċess elettorali ikompli billi wara li jiġi konkluż il-proċess tal-elezzjonijiet każwali, il-Kummissjoni Elettorali talloka sitt (6) siġġijiet kull wieħed lill-Partiti msemmija u rappreżentati fil-Parlament biex jonqos l-iżbilanċ tal-ġeneru fil-Kamra tar-Rappreżentanti, liema allokazzjoni tkompli żżid il-problema ta' rappreżentanza parlamentari billi żżid biss parlamentari lil Partit Laburista u lil Partit Nazzjonalista.

Jispjegaw li din id-diskriminazzjoni fil-konfront tal-Partit rikorrenti tirriżulta mill-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi dan joħloq mekkaniżmu kostituzzjonali biex in-numru ta' Membri Parlamentari eletti mill-partiti politiċi differenti f'elezzjoni ġenerali jkun jirrifletti b'mod proporzjonali il-voti tal-elettorat iżda jikkontendu li dan japplika biss f'każ li jkun hemm żewġ partiti fil-Parlament. Isostnu li dan mhux trattament indaqs fil-konfront tal-Partit rikorrenti u jikkonsisti f'mekkaniżmu mingħajr għan leġittimu li jxejjen id-dritt tal-espressjoni ħielsa tal-votanti.

Oltre' minn hekk, ir-rikorrenti jilmentaw mill-effett diskriminatorju tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni li jipprovdi għall-mekkaniżmu li permezz tiegħu jingħataw siġġijiet addizzjonali fil-Parlament u jidħol fis-seħħ biss jekk jiġu eletti kandidati ta' żewġ partiti u mhux f'każ ta' iktar. Isostnu għalhekk li dan il-provvediment huwa wieħed diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti u t'individwi oħra membri tal-Partit rikorrenti għax jillimita u jirrestrinġi l-inċentivi ta' siġġijiet addizzjonali biss għal dawk ta' kandidati assoċjati mal-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Jikkontendu għalhekk li dan il-mekkaniżmu qiegħed jilledi fuq id-drittijiet ta' elezzjoni ħielsa u d-dritt tal-liberta' tal-assoċjazzjoni. Jgħid li l-Partit rikorrent diversi drabi ressaq proposti dwar kif dan jista' jiġi rimedjat, liema proposti dejjem ġew injorati.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi min-naħa tagħha, l-intimata **Kummissjoni Elettorali** teċċepixxi illi l-għan tal-elezzjoni huwa wieħed u ċioe' li l-poplu jiġi rappreżentat fl-ogħla istituzzjoni leġislattiva tal-pajjiż u sabiex tiġi assigurata governabbilita'. Tispjega li b'hekk ir-rappreżentanza mhux neċessarjament tkun ta' proporzjonalita' perfetta imma jiddaħħlu mekkaniżmi biex jassiguraw sistema prattika li tipproduċi gvern.

Isostnu li mhuwiex minnu li teżisti kwota nazzjonali, u dana stante li filwaqt li l-ewwel preferenza tistabilixxi min għandu jiggverna l-pajjiż, imbagħad dik l-

istess preferenza u l-preferenzi sussegwenti jingħataw lill-kandidati individwali u fil-fatt il-kwoti jiġu komputati fuq bażi distrettwali skont in-numru ta' kandidati.

Tispjega li l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tħalli l-istat fil-liberta' li jagħżel is-sistema elettorali tiegħu u tgħid li l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-pożizzjoni tal-istess rikorrenti fl-elettorat. Tispjega li elezzjoni hija mekkaniżmu li minnu nnifsu jiddiskrimina bejn min jiġi elett u min le.

Oltre' minn hekk, issostni li l-Kap 354 jipprevedi sitwazzjoni fejn isir mekkaniżmu ta' korrezzjoni fis-siġġijiet anke f'sitwazzjoni fejn hemm iżjed minn żewġ partiti rappreżentati fil-Parlament u għalhekk id-diskiminazzjoni allegata mir-rikorrenti ma tirriżultax.

Fir-rigward tal-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni, tgħid li dan huwa wieħed provviżorju li jipprovdi għall-bilanċ bejn il-ġeneri fil-Parlament u li bl-ebda mod ma jiddiskrimina fil-konfront ta' partiti oħrajn. Oltre' minn hekk, lanqas ma hemm vjolazzjoni tal-liberta' ta' assoċjazzjoni, billi l-liġi ma tinterferixxi bl-ebda mod kif l-individwu jassoċja ruħu f'partit politiku.

Finalment, tgħid li t-talba ta' nullita tal-elezzjoni hija skorretta u lanqas issegwi mill-vjolazzjoni tad-drittijiet stante li l-Kostituzzjoni stess fl-Artikolu 56 tipprovdi li l-ebda elezzjoni ma tista' titħassar sakemm ma tkunx minsusa kif elenkat fis-subartikolu 3 tal-istess artikolu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi min-naħa tiegħu, l-**Avukat tal-Istat,** in linea preliminari jeċċepixxi li l-azzjoni kif proposta hija improponibbli u dana stante li r-rikorrenti ppreżentaw azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura u li għalhekk ma jistgħux jiġu intavolati f'daqqa. Jispjega li l-aħħar talba tikkonsisti f'azzjoni popolaris u ma tista' qatt tintalab konġuntivament maż-żewġ talbiet l-oħra.

Oltre' minn hekk, isostni li t-talbiet ai termini tal-artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inammissibbli ai termini tal-Artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma nġiebitx b'rikors ġuramentat. Jispjegaw li l-inklużjoni ta' dan huwa prekluż ai termini tar-regolament numru 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regolamenti dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni). Jgħid ukoll li ksur ta' l-imsemmija artikoli jista' jinġieb biss vis-a-vis l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea.

Isostni li l-ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa nkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew addirittura jikser xi artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk isegwi illi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti fil-konfront tal-artikoli 52 u 52A ma jistgħu qatt jirnexxu.

Fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni, jikkontendi li r-rikorrenti naqsu milli jindikaw il-bażi li fuqha qed isejsu l-ilment ta' diskriminazzjoni u jeħtieġ jipprovaw li saret diskriminazzjoni fuq bażi *like with like*.

Fir-rigward tad-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa jgħid li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 3 huwa dritt assolut iżda l-istati differenti għandhom il-liberta' li jiddeċiedu dwar it-tip ta' sistema elettorali li għandu jkollhom – l-iskop tal-protezzjoni hu li kull elettur ikollu l-possibilita' li jinfluwenza l-kompożizzjoni tal-organu leġiżlattiv.

Jispjega li l-qofol tas-sistema elettorali huwa l-vot singlu u trasferibbli u sabiex kandidat jiġi elett fil-Parlament jeħtieġ iġib il-kwota minn distrett elettorali partikolari ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni. Jgħid li l-mekkaniżmu korrettiv imbagħad jidħol wara u b'hekk kull kandidat li jikkontesta l-elezzjoni għandu l-istess opportunita' li jiġi elett, imbagħad il-mekkaniżmu korrettiv jintuża biss sabiex jassigura l-proporzjonalita'.

Jikkontendi li l-mekkaniżmu addizzjonali taħt l-artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ma japplikax jekk kemm-il darba jiġu eletti iktar minn żewġ partiti u għalhekk ma jistax jingħad li hu diskriminatorju. Jemfasizza li l-ebda mekkaniżmu ma jnaqqas mill-possibilita' li kandidat jiġi elett fil-parlament u għalhekk ċertament li ma jledux id-drittijiet sanċiti bl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Isostni li t-talba rikorrenti fil-konfront tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni qatt ma tista' tiġi akkolta u dana stante li dan mhuwiex artikolu azzjonabbli.

Jikkontendi li l-artikoli 52 u 52A bl-ebda mod ma jipprojbixxu jew jimpedixxu t-twaqqif ta' xi assoċjazzjoni jew ta' xi partit politiku u bl-ebda mod ma jostakolaw id-dritt ta' persuna li tassoċja ruħha ma' oħrajn. Isostni li kull persuna ai termini tal-Artikoli 53 u 54 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija libera li tikkontesta elezzjoni u li tassoċja u/jew ma tassoċjax ruħha ma' partit politiku. Jgħid li lil'hinn minn kull mekkaniżmu kull votant imbagħad huwa liberu li jivvota lil liema kandidat irid.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti fatti:

L-intimata **Kummissjoni Elettorali** ppreżentat faxxikolu ta' dokumenti li jikkonsisti fir-riżultati kompleti tal-Elezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2022, liema riżultati din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu **Ralph Cassar** ippreżenta kopja tal-istatut tal-Partit rikorrent AD + PD, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu **Carmel Caccopardo** jgħid li hu Chairperson tal-Partit rikorrenti u ilu f'din il-kariga minn Settembru tas-sena 2017. Jispjega li fl-2020 il-Partit emenda l-istatut tiegħu biex sar *merger* politiku mal-Partit Demokratiku u nbidel l-isem għal AD + PD.

Jispjega li l-kawża odjerna saret minħabba li elezzjoni ġenerali wara l-oħra r-riżultat elettorali qiegħed jagħti piż lil voti kollha tal-Partit l-oħrajn biex jaġġusta r-riżultat u jżidilhom is-siġġijiet b'mod li r-riżultat tagħhom ikun proporzjonali għan-numru ta' voti li jinġabru u dan huwa eskluż fil-konfront ta' partiti oħrajn li ma jkunux eletti għal Parlament. Jgħid li fl-aħħar elezzjoni l-Partit rikorrenti kellu total t'erbat' elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin (4,747) vot.

Jispjega li qabel ma ħareġ ir-riżultat elettorali definittiv u wara li jkunu ngħaddu l-voti kollha, il-Kummissjoni Elettorali ai termini tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Iskeda 13 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, tikkalkula jekk il-voti li nġiebu mill-partiti u s-siġġijiet li huma ġabu u x'inhu in-numru ta' voti li kien rikjest biex jeleġġu kull siġġu. Jgħid li jekk kemm-il darba ikun hemm diskrepanza, jiskattaw il-provvedimenti differenti tar-Regola numru 23 tal-iskeda 13 u jsir aġġustament għal proporzjonalita'. Isostni li l-istess regolament jeskludi illi jittieħdu in konsiderazzjoni partiti oħrajn, fid-diversi xenarji kkomtenplati minnu.

Jispjega li kieku l-istess kalkolu fl-aħħar elezzjoni sar fil-konfront tal-Partit rikorrenti, dan kien ikun intitolat għal kwota punt tnejn, liema kwota hija bbażata fuq l-ammont ta' voti li ottjena l-Partit Laburista diviż bin-numru ta' siġġijiet li ottjena li trendi total ta' erbat elef, mitejn u wieħed u tmenin (4,281) vot. Abbażi ta' dan il-kalkolu, il-Partit Nazzjonalista kien intitolat għal wieħed punt seba' kwoti u għalhekk ġie allokat żewġ siġġijiet, u dana minħabba li fil-Parlament ma jistax ikun hemm numru fard ta' siġġijiet. Isostni li kieku sar l-istess proċess fil-konfront tal-Partit rikorrenti, dan kien ukoll intitolat għal rappreżentanza, iżda jgħid li dan huwa projbit bil-Kostituzzjoni u l-iSkeda 13, liema projbizzjoni qiegħda tiddiskrimina kontra l-istess Partit rikorrenti.

Jikkontendi li apparti dan, issa ġie ntrodott ukoll l-aġġustament tal-ġeneru li ġie applikat b'mod biex l-ewwel sitt kandidati taż-żewġ Partiti li ma ġewx eletti għal Parlament u li huma tas-sess feminili jiġu *co-opted* skont l-istess provvediment. Jispjega li rriżulta li waħda minn dawk li ġew eletti kellha voti inqas minn tnejn mill-kandidati femminili tal-Partit rikorrenti. Jgħid li il-kandidata Davinia Sammut Hili fl-ewwel Distrett Elettorali għan-nom tal-Partit Laburista, meta waqgħet fil-ħmistax (15)-il għadd, kellha erba' mija u ħamsa u sittin (465) vot filwaqt li l-kandidata Melissa Bagley fuq il-Ħames Distrett Elettorali meta waqgħet fit-tnax (12)-il għadd kellha erba' mija u tlieta u disgħin (493) vot, filwaqt li Sandra Gauci fit-tnax (12)-il għadd kellha ħames mija u ħmistax (515)-il vot.

Isostni li minħabba l-imsemmija mekkaniżmu, il-Partit rikorrenti qed jitpoġġa f'pożizzjoni ta' żvantaġġ kontinwu. Jgħid li l-Partit rikorrenti ilu jsostni dan u jġib eżempju partikolari bl-elezzjoni tas-sena 2008 meta d-differenza bejn iż-żewġ partiti l-kbar kienet ta' elf u tmien mitt vot u l-punt disgħa ta' kwota li ottjena l-Partit rikorrenti kien injorata, kif ukoll l-elezzjoni tal-2013 fejn it-total li ottjena kien jeċċedi l-kwota.

Jispjega li kieku qegħdin fis-sitwazzjoni li kienet qabel is-sena 1987 meta ġie introdott l-ewwel mekkaniżmu, kulħadd kien ikun fuq l-istess binarju iżda la darba ddaħħal l-aġġustament, dan għandu jkollu dritt għalih kulħadd. Jgħid li l-propozjonalita' li suppost joħloq l-istess mekkaniżmu qed jassigura dan bejn iż-żewġ partiti l-kbar biss u jinjora l-kumplament.

Fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-ġeneru jgħid li dan joħloq diskriminazzjoni fis-sens li kull kandidat li joħroġ għall-elezzjoni għandu l-possibilta' li jiġi elett (a) meta jgħoddu l-voti għall-ħamsa u sittin (65) siġġu, (b) jekk ikun hemm il-possibilita' ta' elezzjoni każwali, (ċ) fil-mument li jiġi applikat il-korrezzjoni tal-proporzjonalita' (d) jekk kandidata hi mara bil-mekkaniżmu tal-ġeneru. Isostni li l-punt li qajjem il-Partit rikorrenti anke fil-proċess ta' konsultazzjoni kien li in vista tan-numri żgħar ta' voti involuti, kandidata mara għandha ċans kbir li titla' jekk toħroġ ma' wieħed mill-Partiti l-kbar, iżda m'hemmx l-istess ċans jekk din tagħżel li toħroġ ma' partit żgħir. Jgħid li meta kienet għaddejja l-konsultazzjoni pubblika dwar il-mekkaniżmu tal-ġeneru huma kienu għamlu rapport dwar dawn is-sottomissjonijiet, liema rapport ġie ppreżentat lill-Qorti u li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

Il-Qorti tinnota illi ma saritx it-traskrizzjoni tal-kontro-eżami tal-Perit Cacopardo peress illi t-traskrittriċi ddikjarat illi r-reġistrazzjoni ma kinitx ċara – b'dana kollu il-Qorti tqis illi ħadd mill-partijiet ma' reġa talab illi jerġa' jinstema' l-kontro-eżami, u għalhekk tqis illi l-partijiet kienu sodisfatti b'dak li jirrizulta mill-eżami tax-xhud.

Fix-xhieda tiegħu, l-**Avukat Austin Bencini**, prodott mill-Avukat tal-Istat, jgħid li hu Lettur Anzjan fid-Dipartiment tad-Dritt Pubbliku fl-Universita' ta' Malta u jagħti lezzjonijiet dwar is-sistema elettorali Maltija bħala parti mill-kors ta' dritt Kostituzzjonali fl-ewwel sena tal-kors tal-liġi. Jgħid illi ppublika ktieb intitolat '*Malta's Hybrid Electoral System*' li jikkonċentra fuq 'l hekk imsejħa mekkaniżmi korrettivi u dis-sena ppublika reviżjoni tal-istess sabiex jipprova jibda' l-analiżi tal-mekkaniżmu tal-ġeneru.

Jispjega li l-mekkaniżmu tal-ġeneru huwa ta' natura korrettiva u mhux politika u ċioe' ma jista' jintuża bl-ebda mod sabiex jgħin xi partit partikolari u għalhekk jitqies bħala emenda ta' natura soċjali. Jgħid li din hija miżura ta' azzjoni pożittiva sabiex iddaħħal fil-Parlament numru ta' kandidati tal-ġeneru mhux rappreżentat, li huwa definit bħala ġeneru li jikkonsisti f'inqas minn erbgħin fil-mija (40%) ta' dawk eletti.

Isostni li s-sistema Elettorali Maltija, skond il-Kostituzzjoni, assolutament mhix ibbażata fuq partiti, iżda hija *proportional representational system through the single transferable vote* ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni. Jgħid li b'dik is-sistema ma hemm ebda rikonoxximent għal mod kif il-votant Malti jivvota għall-partiti, iżda s-sistema hija mfassla b'mod li l-votant jivvota għal kandidati biss. Jispjega li dan imbagħad iwassal sabiex jiġi elett partit li jiggverna. Jemfasizza li l-Kostituzzjoni ta' Malta, permezz tal-artikolu 56, assolutament ma tpoġġi l-ebda kriterju ta' partit li jiġi elett biex b'hekk jekk partit li jikkonsisti biss f'żewġ (2) membri li kapaċi jġibu l-voti fid-distretti rispettivi, dan għandhom dritt jirrappreżentaw dak il-partit fil-Parlament, imbagħad minn hemm bħala Membri Parlamentari eletti għandhom id-dritt li jibqgħu ma' dak il-partit, jew le.

Jispjega li kuntrarju għal dak, l-hekk msejjaħ mekkaniżmu korrettiv jirrikonoxxi biss u unikament il-partiti u mhux il-kandidati. Jgħid li l-istorja tal-mekkaniżmi korrettiva tmur lura għall-elezzjoni tal-1981 meta l-Partit li ottjena l-ikbar ammont ta' voti tal-ewwel preferenza m'otteniex l-ikbar numru ta' siġġijiet u b'hekk ma setax jiggverna. Jispjega li ġara li kien hemm distretti elettorali fejn għalkemm telgħu ħames siġġijiet, il-piż ta' kull membru parlamentari li kien qed iġorr ta' voti ma kienx l-istess.

Jemfasizza li r-riżultat tal-mekkaniżmu korrettiv ma jbiddel bl-ebda mod min ġie elett bħala l-ħamsa u sittin (65) membru parlamentari għax dawn jiġu eletti bid-dritt. Jispjega li l-mekkaniżmu korrettiv għandu skop wieħed biss u ċioe' li dak il-partit li għandu l-maġġoranza assoluta tal-voti validi fit-tmiem tal-ewwel għadd ikollu żgur id-dritt li jiggverna. Jgħid li ma hemmx limitu dwar kemm ikun hemm partiti. Isostni li b'hekk l-iskop mhuwiex biex jidħlu jew ma jidħlux

partiti, iżda li l-proporzjon tad-distakk fil-voti tal-ewwel preferenza jiġi rifless fis-siġġijiet Parlamentari. Jispjega li għalhekk jiġi aġġustat ukoll in-numru tas-siġġijiet tal-Partit li ma jkunx ġab il-maġġoranza sabiex tinżamm l-istess proporzjonalita'.

Mistoqsi dwar kif tinħadem il-kwota sabiex kandidat jiġi elett jgħid li l-kwota tinħadem billi taqbad distrett, tieħu l-voti validi, tiddividi dak l-ammont bin-numru ta' kandidati, iżżid wieħed, u r-riżultat li joħroġ terġa' żżid wieħed. Jispjega li din is-sistema li ilha mill-1921 tiggarantixxi l-istess ċans u opportunita' lil minoranzi, fejn ikollok sitwazzjonijiet fejn minkejja li partit iġib perċentwal żgħir mit-total tal-voti, xorta minn distrett partikolari jkun eleġġa l-kandidati għax tinħadem fuq kwota distrettwali. Jemfasizza li l-punt kruċjali huwa li l-kandidati ta' kwalunkwe partit għandhom l-istess opportunita' li jiġu eletti fil-Parlament u l-mekkaniżmi korrettivi jiskattaw wara u għalhekk ma jtellfu xejn minn dan.

Fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-ġeneru jgħid li dan huwa mekkaniżmu soċjali li bl-ebda mod m'għandu jippreġudika l-bilanċ politiku, u dana stante li l-leġiżlatur bl-ebda mod ma ried jemenda s-sistema elettorali. Jispjega li b'hekk jekk għandek Partit li ma ġiex elett ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kostituzzjoni mela ma jistax dak l-istess Partit jibbenefika mill-mekkaniżmu korrettiv. Isostni li jekk permezz tal-istess mekkaniżmu jiddaħħal Partit jew persuna li ma ġewx eletti politikament mela allura ikun qed jiġi disturbat il-bilanċ politiku pre-eżistenti.

Jispjega li sabiex iddaħħlet l-istess riforma hu kien serva ta' konsulent tekniku u l-kompitu tiegħu kien propju li jara li b'tali mekkaniżmu ma jkunx hemm tibdil fil-bilanċ bejn il-partit li jottjeni l-maġġoranza u l-minoranza.

Mistoqsi dwar l-eżistenza ta' kwota nazzjonali jispjega li ċertament li ma hemm l-ebda kwota nazzjonali iżda kanditat jiġi elett bi kwota distrettwali. Jispjega li hemm artikolu fil-Kostituzzjoni fejn meta jidħol il-mekkaniżmu korrettiv isir eżerċizzju sabiex jiġu bbilanċjati d-distretti iżda din il-kwota hija biss *benchmark* u l-fatt li kandidat jaqbiża ma jfisser bl-ebda mod li dan kellu jiġu elett. Jemfasizza li l-kwota sabiex kandidat jiġi elett hija dik distrettwali. Jispjega li imbagħad teżisti kwota oħra li titħaddem f'elezzjonijiet każwali.

Ix-xhud ippreżenta kopja tal-ktieb tiegħu intitolat *Malta' Hybrid Political System* li jispjega li kien l-ewwel attentat tal-akkademiċi tal-Universita' li jippruvaw jirraġunaw u jirriċerkaw il-mekkaniżmu korrettiv. Jispjega li hija sistema hekk msejħa *hybrid* minħabba illi hija bbażata fuq il-*proportionate system by means of the single transferable vote* imma mbagħad għandha sistemi oħrajn li huma separati u li huma differenti immens u għalhekk huwa

studju li jitkellem dwar kif is-sistemi jinteraġixxu. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-istess ktieb.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u wara li l-Qorti semgħet il-provi mressqa u s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati b'referenza għal dak sottomess mill-partijiet kollha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni Elettorali ma ressqet ebda eċċezzjoni preliminari u għalhekk jeħtieġ tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu.

- **<u>Eċċezzjoni li Carmel Cacopardo u Ralph Cassar ma jistgħux jidhru f'dawn il-proċeduri f'isimhom proprju</u>**

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li Carmel Cacopardo u Ralph Cassar ma jistgħux jidhru f'dawn il-proċeduri f'isimhom proprju, u jista' jkollhom *locus standi* biss qua rappreżentanti tal-partit politiku AD + PD kemm-il darba jiġi ppruvat illi huma debitament awtorizzati sabiex jirrappreżentaw lir-rikorrent.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat, jgħid li din l-eċċezzjoni kienet tqajmet stante li l-okkju tal-proċeduri odjerni kien jindika biss lill-Partit Politiku AD+PD bħala rikorrent, iżda dan ġie sorvolat meta il-Qorti laqgħet it-talba għall-korrezzjoni fl-okkju.

**Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

- **<u>Eċċezzjoni li l-azzjoni hija improponibbli stante l-azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-azzjoni hija improponibbli stante l-azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura tagħhom fl-istess proċedura.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu jispjega illi t-tlett talbiet rikorrenti ma jistgħu qatt jintlaqgħu kollha kemm huma stante illi jippresopponu l-eżistenza ta' azzjonijiet ġudizzjarji differenti u distinti fin-natura, x-xorta u l-konsegwenzi tagħhom.

Isostni li l-ewwel żewġ talbiet jikkonċernaw allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti li jista' jkollu effett *inter partes* biss mentri t-tielet talba tikkostitwixxi *actio popularis* li jista' jkollha effett *erga omnes*. Jikkontendi li konsegwentament *electa una via non datur recurses ad alteram*, u għalhekk isostni li din il-Qorti għandha tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala waħda nulla u bla effett.

In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Burmarrad Commercial Ltd vs Michael Bugeja et** deċiża fil-31 ta' Mejju 2012 u **HSBC Bank Malta plc vs Rita Caligari et** deċiża fit-13 ta' Frar 2012.

Isostni li f'dan il-każ ir-rikorrenti qegħdin iressqu żewġ tipi ta' proċeduri kostituzzjonali, u ċioe' waħda ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u oħra ai termini tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema proċeduri jgħid li huma differenti u distinti u jvarjaw kemm fin-natura u anki fil-konsegwenzi tagħhom. Jispjega li fost l-oħrajn azzjoni ai termini tal-artikolu 46 titlob li l-parti tipprova l-interess ġuridiku tagħha mentri azzjoni ai termini tal-artikolu 116 ma titlobx dan.

Minn naħa tagħhom, ir-**rikorrenti** jgħidu illi t-talbiet mressqa minnhom huma kumplimentari u mhux konfliġġenti u jsostnu li permezz tat-tielet talba tagħhom qed jitolbu lil Qorti tipprovdi kull rimedju inkluż dak li tiddikjara l-liġi nulla u bla effett. B'hekk jikkontendu li din it-talba hija biss waħda mir-rimedji mitluba minnhom u hija marbuta intrinsikament mat-talba prinċipali tagħhom u ċioe' li d-drittijiet tagħhom ġew leżi riżultat tal-liġi illi huma qegħdin jilmentaw dwarha. Jikkontendu li hu ċar li l-azzjoni hija bbażata fuq il-ksur tad-drittijiet skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Arnold Cassola vs l-Avukat tal-Istat** deċiża fil-11 ta' Jannar 2022.

Da parti tiegħu l-**Avukat tal-Istat** isostni li r-rimedju mitlub mhux possibli f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u in sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited v Avukat Ġenerali** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2012.

Oltre' minn hekk, isostni li minn qari tat-talbiet innifishom huwa bil-wisq ovvju li r-rikorrenti, irrispettivament minn dak li qed jgħidu fis-sottomissjonijiet tagħhom, qegħdin jressqu żewġ tipi ta' proċeduri f'azzjoni waħda, kif fuq spjegat. Jikkontendi li t-tliet talbiet ma jistgħux jiġu indirizzati fl-istess azzjoni stante li ma jistgħux jintlaqgħu kollha f'daqqa u għalhekk isegwi li l-azzjoni hija improponibbli. Jispjega li l-konfużjoni kreata mit-taħlita ta' azzjonijiet rrendiet lill-intimat f'diffikulta biex jifhem il-bażi legali tal-azzjoni. Jinsisti li dan

għandu jwassal sabiex din il-Qorti tiddikjara l-azzjoni improponibbli u għaldaqstant nulla u bla effett.

**Il-Qorti** tosserva dak li ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 1998 fl-ismijiet **Frendo Randon noe vs Salomone,** fejn il-Qorti qalet:

> *"… meta ċitazzjoni jkun fiha kawżali alternattivi u mhux ċert liema waħda minnhom hija l-kawżali li sejra tifforma l-bażi ta' l-azzjoni odjerna dan iġib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista' jammetti t-talba għax ma jkunx jista' jagħżel il-kawżali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal Qorti li tagħżel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri ċar li l-kawża kif ġiet intavolata hija insostenibbli billi 'ab initio' la setgħet tipproċedi u lanqas setgħet tiġi ammessa. It-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma' oħra. Bħal li kieku dawn iwasslu għal rimedju wieħed meta dan mhux hekk għaliex it-tnejn huma distinti waħda mill-oħra. Isegwi għalhekk li mhux leċitu li tgħaqqad azzjoni ma' oħra ... Meta l-pożizzjoni hija tali jirriżulta kjarament illi l-proċedura tal-attur kienet waħda irrita u nulla."*

Kif korrettement osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża fuq ċitata, ir-regola hemm stabbilita tapplika jekk ikun hemm żewġ talbiet kontradittorji. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Capua Palace Ltd vs Arcidiacono Boris** deċiża fil-31 ta' Jannar 2003 fejn, dwar l-eżistenza ta' kontradizzjoni bejn it-talbiet u l premessi ġie osservat illi:

> *"Fejn hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita` ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita` huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*
>
> *"Hu neċessarju li jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġjonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut".*

Madanakollu, il-Qorti hawnhekk tosserva illi, kif ġie ċċarat u spjegat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub, jidher li hemm konnessjoni bejn it-talba prinċipali tar-rikorrenti magħmula abbażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, ossija dik tal-ksur tad drittijiet tiegħu, u t-talba anċillari magħmula abbażi tal-

Artikolu 116 tal Kostituzzjoni, ossia dik illi l-liġi hija nulla u bla effett, u dana peress illi, kif dikjarat mir-rikorrenti stess, it-talba a tenur tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni hija kumplimentari u mhux konfliġġenti ma' l-ewwel talba magħmula abbażi tal-Artikolu 46, u li l-applikabbilita' tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni hija biss waħda mir-rimedji mitluba u hija suġġetta għas-sejbien ta' ksur ta' dritt tar-rikorrenti minn din il-Qorti.

Għalhekk, m'hemm l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi t-talba prinċipali tar-rikorrenti hija waħda msejsa fuq id-dritt lilha mogħti bl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni li jitlob il-Qorti għal rimedju abbażi ta' ksur li "tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura", u għalhekk kwalsiasi talba oħra li għamlu ir-rikorrenti, inkluż dik abbażi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, hija intrinsikament konnessa u kumplimentari għall-azzjoni prinċipali tar-rikorrent – ossija dik intentata abbażi tal-Artikolu 46.

**Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li ma jeżistux il-presupposti sabiex tilqa' l-istess eċċezzjoni.**

- **<u>Eċċezzjonijiet li safejn l-ilment jolqot l-artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inamissibli u inapplikabbli</u>**

Permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-parti tal-ilment li jolqot l-artikoli 12 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija inammissibli u nulla u dana stante illi (i) skont l-artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ilment ma nġiebx b'rikors maħluf, u (ii) il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tapplika biss f'dak li jikkonċerna l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, u mhux f'materji illi jaqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-Istati Membri, bħal ma huma l-elezzjonijiet ġenerali.

Da parti tagħhom, ir-**rikorrenti** jgħidu li proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jsiru skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skont l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea għandhom jinbdew permezz ta' rikors. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Josephine Portelli et vs l-Avukat tal-Istat et**.

Min-naħa tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** jgħid li permezz tas-sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti bl-ebda mod m'indirizzaw it-tielet u r-raba' eċċezzjoni minnu mressqa.

Isostni li mhuwiex ritwalment korrett li f'azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem mibdija taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jiddaħħlu kwistjonijiet u talbiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-Konvenzjoni Ewropea, li huwa eskluż ukoll skont ir-regolament numru 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni).

Jispjega li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali huma distinti minn xulxin u fil-fatt huma addottati minn organizzazzjonijiet differenti. Isostni li l-qofol tal-eċċezzjonijiet odjerni huwa propju li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma tapplikax għall-fattispeċi tal-kawża odjerna.

Jispjega li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tapplika biss f'dak li jikkonċerna l-iskop u l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u dan kif jirriżulta mill-Artikolu 51 tal-istess Karta. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet **PI vs Landespolizeidirektion Tirol** (C-230/18), f'**Gianpaolo Paoletti and Others v Procura della Repubblica** (C-218/15), **YS vs NK** (C-233/19), **Pelckmans Tunhout NV v Walter Van Gastel Balen NV and Others** (EU:C:2014:304) u, **Cruciano Siragusa v Regione Sicilia** (EU:C:2014:126).

Isostni li fir-rigward tal-elezzjonijiet ġenerali fl-Istati Membri m'hemm l-ebda liġijiet tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw dan is-suġġett peress illi dan jaqa' esklussivament fil-kompetenza tal-Istat Membri u dana kif ikkonfermat f'**Teresa Cicala vs Regione Siciliana** (EU:C:2011:868), kif ukoll mill-Qrati nostrani fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Marie Therese Cuschieri vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-28 ta' Marzu 2017 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Marzu 2017, kif ukoll minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Arnold Cassola vs Avukat tal-Istat** deċiża fil-11 ta' Jannar 2022.

Il-**Qorti** tibda billi tosserva l-**Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja** li jgħid testwalment hekk:

> *1. Id-disposizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta*

*jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.*

*2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni u ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati.*

Il-Qorti taċċenna għall-fatt li hemm distinzjoni netta u ċara bejn il-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem maħruġa mill-Kunsill tal-Ewropa flimkien mal-Ewwel Protokol tiegħu, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Din il-Qorti temfasizza l-fatt li dawn huma żewġ strumenti legali għal kollox distinti, maħruġa minn istituzzjonijiet li huma kompletament differenti u li japplikaw fi sferi differenti. Għalkemm huwa minnu li kull pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea huwa firmatarju tal-Kunsill tal-Ewropa, dan ma jfissirx li huma waħda u l-istess, u lanqas ma jfisser li l-liġijiet maħruġa miż-żewġ istituzzjonijiet għandhom l-istess applikazzjoni. Il-Qorti tinnota fil-fatt li fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti injoraw għal kollox il-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-Unjoni Ewropea u trattaw biss dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Madanakollu, din il-Qorti xorta waħda sejra tittratta l-eċċezzjonijiet imqajma mill-Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tosserva l-insenjament tagħha, kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Marie Therese Cuschieri v. Avukat Ġenerali** deċiża fit 28 ta' Marzu 2017 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Jannar 2018, fejn il-Qorti qalet:

*"Illi aparti li l-Qorti Ewropea (CJEU) tapplika l-principji kif enunċjati u interpretati mill-Qorti ta' Strasbourg, għandu jiġi senjalat li l-Karta tad Drittijiet Fundamentali għandha l-forza ta' Liġi f'pajjiżna u hija mqegħda fuq l-istess livell daqs it-Trattati. Madanakollu l-Karta titqies li hija liġi ordinarja b'differenza mal-Kostituzzjoni u hija applikabbli biss fir-rispett ta' materja li taqa' tal-kompetenzi u kompiti tal-Unjoni Ewropea. Dan mhuwiex il-każ odjern li jirrigwarda materja ta' kompetenza nazzjonali.*

*Għaldaqstant in kwantu li t-talba hija imsejsa fuq it-Trattat, mhiex ser tiġi milqugħa minnħabba li l-kwistjoni sollevata quddiem din il-Qorti tesorbita mill-kompetenza tat-Trattati."*

Jirriżulta illi hija ta' l-istess ħsieb il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn dejjem saħqet li m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddetermina l-kompatibilità o meno mad-drittijiet fondamentali rikonnoxuti mill-Unjoni Ewropea ta' liġijiet nazzjonali illi ma jaqgħux fi ħdan id-Dritt Ewropew.

Tosserva l-insenjament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-każ fl-ismijiet **PI v Landespolizeidirektion Tirol**, fejn saħqet illi:

> *"It is also settled case-law that the fundamental rights guaranteed by the Charter are applicable in all situations governed by EU law and that they must, therefore, in particular be complied with where national legislation falls within the scope of EU law (judgment of 21 December 2016, AGET Iraklis, C 201/15, EU:C:2016:972, paragraph 62 and the case-law cited).*
>
> *That is in particular the case where national legislation is such as to obstruct one or more of the fundamental freedoms guaranteed by the Treaty and the Member State concerned relies on overriding reasons in the public interest in order to justify such an obstacle. In such a situation, the national legislation concerned can fall within the exceptions thereby provided for only if it complies with the fundamental rights the observance of which is ensured by the Court (judgment of 21 December 2016, AGET Iraklis, C 201/15, EU:C:2016:972, paragraph 63 and the case-law cited)."*

Tosserva wkoll ir-referenza preliminari li saret lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq rikjesta tat-Tribunal ta' Campbasso, l-Italja, f'kawża ta' **Gianpaolo Paoletti and Others v Procura della Repubblica**, u deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti qalet li:

> *It follows from the Court's case-law that the concept of 'implementing Union law', as referred to in Article 51 of the Charter, assumes a degree of connection between an EU legal measure and the national measure in question, above and beyond the matters covered being closely related or one of those matters having an indirect impact on the other (see, to that effect, judgment of 6 March 2014, Siragusa, C 206/13, EU:C:2014:126, paragraph 24).*
>
> *These considerations correspond to those underlying Article 6(1) TEU, according to which the provisions of the Charter are not to extend in any way the competences of the European Union as defined in the Treaties (judgment of 8 May 2014, Pelckmans Turnhout, C 483/12, EU:C:2014:304, paragraph 21).*

Fid-deċiżjoni tagħha **YS v NK** il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żiedet tgħid illi mhux biss irid ikun hemm ness bejn id-dritt Ewropew u l-liġi nazzjonali in kwistjoni, iżda l-liġi tal-Unjoni Ewropeja tkun trid timponi obbligi speċifiċi fuq l-Istati Membri f'dak il-qasam:

> *"It should also be borne in mind that the fundamental rights guaranteed by the Charter are applicable in all situations governed by EU law and that they must, therefore, be complied with inter alia where national legislation falls within the scope of EU law (judgment of 21 May 2019, Commission v Hungary (Rights of usufruct over agricultural land), C 235/17, EU:C:2019:432, paragraph 63 and the case-law cited).*
>
> *It is nevertheless necessary that, in the area concerned, EU law imposes specific obligations on Member States with regard to the situation at issue in the main proceedings (see, to that effect, judgment of 10 July 2014, Julián Hernández and Others, C 198/13, EU:C:2014:2055, paragraph 35)."*

Fil-każ **Pelckmans Turnhout NV v Walter Van Gastel Balen NV and Others** il Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stqarret illi:

> *"the fundamental rights guaranteed in the legal order of the European Union are applicable in all situations governed by EU law, but not outside such situations (see Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 19 and the case-law cited). …*
>
> *It follows that, where a legal situation does not come within the scope of EU law, the Court does not have jurisdiction to rule on it and any provisions of the Charter relied upon cannot, of themselves, form the basis for such jurisdiction (see, to that effect, the order in Case C 466/11 Currà and Others EU:C:2012:465, paragraph 26, and Åkerberg Fransson EU:C:2013:105, paragraph 22)."*
>
> *....*
>
> *There is nothing specific in the order for reference demonstrating that the legal situation at issue in the main proceedings comes within the scope of EU law.*
>
> *Like the written observations submitted to the Court, that order contains nothing which establishes a connection between the facts of those proceedings and the Treaty provisions referred to by the referring court.*

> *It follows from all the foregoing that it has not been established that the Court has jurisdiction to interpret the provisions of the Charter referred to by the referring court.*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet ġenerali fl-Istati Membri huwa fil-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri partikolari u m'hemm ebda liġijiet tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw dan is-suġġett.

Isegwi għalhekk, li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja w id-drittijiet minnha naxxenti ma jistgħux jitqiesu applikabbli fil-konfront ta' liġijiet purament ta' natura nazzjonali, bħalma huwa dawk tal-elezzjonijiet, li r-rikorrent qiegħed jilmenta dwarhom bil-proċeduri odjerni.

**Għaldaqstant, din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat stante illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ma setgħetx tiġi nvokata mir-rikorrenti fl-ambitu ta' dak minnu rikjest bil-proċeduri odjerni.**

- **<u>Eċċezzjoni li l-ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew bi ksur tal-Kostituzzjoni</u>**

Fil-ħames eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-azzjoni tentata mir-rikorrenti ma tista' qatt tirnexxi billi tmur nettament kontra l-prinċipju tas-supremazija tal-Kostituzzjoni. Isostni li din il-Qorti diġa' kellha l-okkażżjoni li tiddetermina li l-ebda artikolu fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew addirittura li jikser xi artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni, u ċioe' li l-Kostituzzjoni ma tistax tikser lilha nnifisha.

Ir-**rikkorrenti,** fis-sottomissjonijiet tagħhom jissottomettu li d-drittijiet fundamentali sanċiti mill-Kostituzzjoni huma ta' natura superjuri mill-artikoli oħrajn tal-Kostituzzjoni u għandhom jieħdu preċedenza u prijorita' fuq l-artikoli l-oħra tal-istess Kostituzzjoni. Isostnu li jekk kemm-il darba dan ma jsirx, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem tista' tiġi faċilment imxejna jekk il-leġiżlatur jinkludi artikoli li jmorru kontra t-tutela ta' dawn id-drittijiet fil-Kostituzzjoni nnifisha.

Jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Stoner et vs L-Onorevola Prim Ministru et** deċiża fit-22 ta' Frar 1996, fejn il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat is-subinċiż 4(ċ) tal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta diskriminatorju.

Jikkontendu li l-azzjoni tagħhom hija bbażata wkoll fuq il-prinċipju ieħor fundamentali misjub fil-Kostituzzjoni u ċioe' d-demokrazija u allura s-sistema demokratika msejsa fuq elezzjonijiet ħielsa, liema dritt huwa sanċit bl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Jispjegaw li f'dan ir-rigward il-Qrati nostrani addottaw dik li ġiet imsemmija bħala *the doctrine of wider protection* mill-ġurista kostituzzjonali l-Avukat Tonio Borg u ġiet applikata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Partit Nazzjonalista et v. Kummissjoni Elettorali et** deċiża fil-25 ta' Novembru 2016.

Isostnu li l-azzjoni rikorrenti fejn qed ifittxu rimedju għall-ksur tad-dritt taħt il-Konvenzjoni għandha tiġi milqugħa stante li l-Konvenzjoni għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' u fid-dawl tal-prinċipju bażilari tal-Kostituzzjoni u ċioe' dak tad-demokrazija.

L-**Avukat tal-Istat** da parti tiegħu jissottometti, b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Dr Wenzu Mintoff et vs Chairman ta' l-Awtorita' tax-Xandir et** deċiża fil-31 ta' Lulju 1996, li teżisti l-preżunzjoni li meta jilleġiżla, il-Parlament jagħmel dan fil-parametri tal-Kostituzzjoni u dan għandu jkun il-punt tat-tluq fl-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tat-talbiet rikorrenti. Isostni li din il-preżunzjoni għandha tirriżulta ferm aktar b'saħħitha fir-rigward tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni nnifisha. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Dottor Harry Vassallo vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001.

Jirrespinġi għal kollox l-insenjament tal-Qorti Kostuzzjonali fil-każ fuq ċitat ta' **Stoner**, u b'referenza għall-każ diġa' ċitat ta' **Dottor Harry Vassallo** kif ukoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Norman Vella vs Avukat Ġenerali et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Novembru 2020, isostni li l-Qrati nostrani ċertament li m'għamlux tagħhom l-argument li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem għandhom jieħdu prijorita' fuq kull artikolu ieħor tal-Kostituzzjoni u dana abbażi tal-prinċipju tas-supremzija tal-Kostituzzjoni kif stabbilit fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni nnifisha.

Fir-rigward tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) isostni li ai termini tal-artikolu 3 tal-istess att, dan huwa applikabbli biss fir-rigward tal-liġijiet ordinarji, liema punt huwa emfasizzat bil-fatt li l-artikolu 2 tal-istess att jagħmilha ċara li t-terminoloġija '*liġi ordinarja*' teskludi l-Kostituzzjoni ta' Malta. Konsegwentament, isostni li l-ilment tar-rikorrenti lanqas jista' jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fuq ċitata ta' **Norman Vella**.

Oltre' minn hekk isostni li r-rikorrenti lanqas huma korretti meta jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-artikolu 52 u 52A tal-Kostituzzjoni imorru kontra

l-Kostituzzjoni nnifisha u dana stante li l-Kostituzzjoni hija waħda omoġenea u għandha tinqara b'mod ħolistiku. Jispjega li m'hemm ebda disposizzjoni fiha aqwa minn oħra jew li għandha tingħata prijorita' fuq xi disposizzjoni oħra u għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti ma tista' qatt tirnexxi billi tmur kontra l-prinċipju tas-supremazija tal-Kostituzzjoni.

In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Adrian Agius et vs L-Avukat tal-Istat et**. Jikkontendi li l-premessi kif magħmula mir-rikorrenti ma jħallu ebda dubju li dak li qed jilmentaw dwaru r-rikorrenti huma l-artikoli 52 u 52A tal-Kostituzzjoni u t-tħaddim tagħhom – azzjoni li ma tista' qatt tirnexxi. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Arnold Cassola vs l-Avukat tal-Istat** deċiża fit-23 ta' Ottubru 2023.

Il-**Qorti** tibda biex tosserva l-**Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** li jgħid testwalment hekk:

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

Il-**Professur J.J. Cremona** fil-pubblikazzjoni tiegħu "Selected Papers 1946 – 1989" meta jirreferi għall-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jgħid:

> *"But in truth in the Maltese legal system, where the Constitution is a written one and imposes limitations on the powers of the legislature which it itself created, the hierarchical superiority of the Constitution exists and operates independently of this formal affirmation, which, as was stated in respect of a kindred provision in another Commonwealth constitution, was only inserted ex abundanti cautela........the plain constitutinal truth is that the principle formally affirmed in section 6 exists and operates, as already said, independently of such formal affirmation; and since as Professor de-Smith puts it, "it does not strictly need to be expressely stated", it likewise does not need, in the philosphy of the Constitution itself, to be formally entrenched, as it only represents what is in fact innate in it."*

Skond l-Artikolu 6 fuq ċitat, trid tkun "*xi liġi oħra*" li mhiex konsistenti mal-Kostituzzjoni sabiex tkun "bla effett". Il-Kostituzzjoni hija siekta dwar il-

possibilita' ta' inkonsistenza bejn artikoli diversi fi ħdan il-Kostituzzjoni. Dan wara kollox lanqas huwa sorprendenti tenut kont li bħala l-għola liġi ta' pajjiż ma hux mistenni li parti minn liġi suprema tikser parti oħra mill-istess liġi suprema. Bil-fatt illi llum Artikolu 6 huwa wkoll '*entrenched*' ikompli jsaħħaħ, jekk tisħiħ kien hemm bżonn, is-supremazija tal-Kostituzzjoni.

Tibqa' dejjem applikabbli l-massima *Ubi Lex Voluti Dixit Ubi Noluit Tacuit*. Ladarba l-Kostituzzjoni espressament issemmi li hija biss liġi oħra li tista' tinstab inkonsistenti magħha u ma ssemmi xejn dwar il-possibilita' ta' inkonsistenza bejn id-diversi artikoli tal-istess Kostituzzjoni, isegwi illi dak li ma tgħidx il-Kostituzzjoni f'dan ir rigward huwa eskluż. Artikolu 6 huwa ċar u ma jagħti lok għal ebda dubju.

Isegwi imbagħad mill-Artikolu 66 illi filwaqt li l-Parlament biss għandu l-jedd li jibdel il Kostituzzjoni, u mhux il-qrati, fl-istess ħin huwa marbut li jsegwi l-proċedura stipulata fl-istess Kostituzzjoni. Is-supremazija tal-Kostituzzjoni timmanifesta ruħha wkoll f'ċirkostanzi fejn il-Parlament ibiddel il-Kostituzzjoni mingħajr ma jsegwi l-proċedura hemm stipulata. F'tali każ il-Qorti Kostituzzjonali għandha s-setgħa li tħassar artikolu fil-Kostituzzjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 1971 fl-ismijiet **Onorevoli Dom Mintoff vs Onorevoli Giorgio Borg Olivier bħala Prim` Ministru ta` Malta et.** - li kienet kawża dwar il-proċedura segwita mill-Kamra tad-Deputati fil-konsiderazzjoni ta` emendi għall-Kostituzzjoni bl-Att XXVI tal-1970 - qieset li l-kliem 'votazzjoni finali' fil-ħames sub-artikolu tal-Artikolu 66 jirreferi għat-tielet qari tal-liġi u mhux għall-votazzjonijiet preċedenti dwar l-istess abbozz ta' liġi.

Ta' rilevanza f'dan ir-rigward hija s-sentenza **Giuseppe Micallef Goggi v. PL Emanuele Armando Mifsud** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ġunju, 1930 fejn il-Qorti irriteniet liġi *ultra vires* peress li l-promulgazzjoni tagħha ma segwitx il proċedura stabbilita fil-Kostituzzjoni tal-1921. Interessanti illi l-Kostituzzjoni tal-1921 ma kelliex artikolu dwar is-supremazija tagħha simili għall-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni tal-1964, iżda l-Qorti xorta waħda irrikonoxxiet u applikat is-superjorita' tal-Kostituzzjoni għal kwalunkwe liġi oħra mgħoddija mil-Leġislatur Malti.

L-istess prinċipju inżamm fis-sustanza fis-sentenza **Onor. Dom Mintoff v. Onor. Giorgio Borg Olivier** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Novembru, 1970 fejn il-Qorti kienet adita sabiex tiddikjara li emenda għall-Kostituzzjoni kienet nulla għaliex skond l-attur ma kienux ġew segwiti l-*istanding orders*. Il-Qorti Kostituzzjonali iddikjarat illi kellha ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar il-validita o meno ta' att tal-Parlament li emenda l-

Kostituzzjoni fejn ġie allegat li ġie mgħoddi bi ksur tal proċedura stabblita' fl-istess Kostituzzjoni u fl-istanding orders. Il-Qorti Kostituzzjonali żammet illi:

> *"..... b'dana kollu l-limiti li hemm għas-sovranita' tal-Parlament Malti huma dawk biss li hemm fil-Kostituzzjoni ta' Malta: fejn il-Kostituzzjoni ma timponix limiti, u għalhekk suggett għas-supremazija tal-Kostituzzjoni, il Parlament hu sovran. –*
>
> *- Omissis –*
>
> *Dak li jista' biss jinteressa lill-Qrati hu jekk hemm jew ma hemmx raġunijiet legali biex il-liġi in kwistjoni titqies li hi invalida, u il-ġurisdizzjoni tal-Qorti....... ma tistax tkun ħlief limitata għal dik l-indaġini*
>
> *Dak li għandu jiġi investigat hu biss jekk, sempliċement bħala fatt, ġewx inosservati jew miksura xi regoli ta' l-Kamra li għandhom rilevanza għar regolarita' tat-tieni u t-tielet qari ta' l-abbozz u l-votazzjoni f'dawk li stadji biex kif sostanzjalment, fil-fehma ta' din il-Qorti, [kif] qalet l-ewwel Onorabbli Qorti – jista' jiġi deċiż jekk, skond il-Kostituzzjoni, l-Att hux invalidu*."

Ir-rikorrenti jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Stoner et vs Prim Ministru et** deċiża fit-22 ta' Frar 1996. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tirreferi għall-kummenti ta' **Dr Tonio Borg** li fil-ktieb tiegħu *Leading Cases in Maltese Constitutional Law* jgħid is-segwenti:

> *"Although the Court's conclusion is morally correct, the actual substance of the judgement amounts to a legal somersault. If the Constitution itself allows for an exception to gender equality in citizenship matters, how can a provision of the Constitution be declared invalid on the basis that it apparently breaches another provision? Should not the legal maxim lex specialis derogat legi generali apply? This is indeed a bizarre and unique judgment. It can open doors to challenges of the provisions of the Constitution as being unconstitutional. The analysis is different if one alleges that a constitutional provision is in breach of the European Convention on Human Rights. It is obvious that the European Court will only apply the provisions of the Convention and a provision of a Constitution of a High Contracting Party could be in conflict with the Convention. But to state that a Constitution is in conflict with itself is indeed strange and unique."*

Il-Qrati tagħna ġia kellhom l-opportunita' li jiddikjaraw li s-supremazija tal Kostituzzjoni tagħna twassal għall-konklużjoni waħda, illi l-ebda artikolu tagħha ma jista' jitqies li jikser disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni.

Fil-kawża **Dottor Harry Vassallo v. Onor. Prim Ministru et**. l-attur kien talab lill Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tiddikjara illi l-klawsola "*u skont il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi.*" fl-Artikolu 1 subinċiż (3) paragrafu (e) tal-Kostituzzjoni ta' Malta "*hija nulla u bla effett*" għaliex sostna illi "... *llum il ġurnata l-kliem "żewġ superpotenzi*" m'għadux jagħmel sens attwali u qed jiżvesti l klawsola li jifforma parti minnha minn kull sens ġuridiku.

Għalkemm l-attur f'dik il-kawża ma talabx illi artikolu fil-Kostituzzjoni qed jikser dritt fundamentali tiegħu protett b'artikolu ieħor tal-istess Kostituzzjoni (peress li adixxa l-Qorti ai termini tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni - l-*actio popolaris*), rilevanti dak li kellha xi tgħid il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2001:

> *"Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed ifittex dikjarazzjoni li parti mill artikolu 1(3) tal-Kostituzzjoni huwa null u bla effett fil-liġi, mhux fis-sens li jmur kontra l-istess Kostituzzjoni (għax mhux maħsub li xi parti mill Kostituzzjoni tista' titqies kontra l-Kostituzzjoni) iżda fis-sens li legalment dak l-artikolu huwa msejjes fuq kunċett li m'għadux jagħmel sens fil-qafas ġuridiku tallum taħt id-Dritt Internazzjonali"*

Dan il-prinċipju kardinali li artikolu tal-Kostituzzjoni ma jistax jinstab leżiv ta' artikolu jew artikoli oħra tal-istess Kostituzzjoni ġie riaffermat fis-sentenza **Adrian Agius et vs. L-Avukat tal-Istat et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2023:

> *"22. Għalhekk huwa ċar li meta l-Kostituzzjoni titkellem dwar inkonsistenza mal-Kostituzzjoni, din l-inkonsistenza tista' tinstab biss f'xi liġi oħra", u ċjoè liġi li mhijiex il-Kostituzzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li mhuwiex possibbli li dispożizzjoni tal Kostituzzjoni tkun inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni. L Artikolu 6 jistabbilixxi s-supremazija tal-Kostituzzjoni versu kwalunke liġi oħra, iżda la dan l-artikolu u lanqas xi artikoli oħra ma jistabbilixxu ġerarkija tan-normi u dispożizzjonijiet Kostituzzjonali. Il-poter ta' din il-Qorti li t iddikjara xi liġi inkonsistenti mal-Kostituzzjoni joħroġ mil-liġi, u jrid jiġi eżerċitat strettament entro l-parametri tal-liġi. Għalhekk, la l-Kostituzzjoni hija siekta fuq il-kwistjoni ta' kunflitt*

*potenzjali bejn dispożizzjonijiet tagħha stess, din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tiddetermina l-ilment tal appellanti....... mhuwiex possibbli li l-istitut tal-għoti tal-maħfra Presidenzjali nnifsu jiġi impunjat, għaliex allegatament konfliġġenti ma' xi dispożizzjoni oħra tal-Kostituzzjoni."*

Il-Qorti tosserva dak li qalet din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Arnold Cassola vs Avukat tal-Istat** deċiża fit-23 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti qalet hekk:

*107. Il-Qorti tqis illi tenut kont li Artikolu 52A huwa artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ma jistax jiġi impunjat bħala li huwa in konflitt ma' disposizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni, mhux biss minħabba dak li jipprovdi Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni; iżda wkoll peress li skond Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, huwa biss il-Parlament li jista' jibdel il-Kostituzzjoni. U anke hawn il-Parlament huwa meqjus li huwa subordinat għall-Kostituzzjoni għaliex meta jiġi sabiex jemenda l-Kostituzzjoni huwa suġġett li jaġixxi fit-termini tal-istess Kostituzzjoni. Il-Parlament jista' jibdel il-Kostituzzjoni kemm-il darba jsegwi d-dispost tal-Artikolu 66 tal-istess Kostituzzjoni li jipprovdi fost l-oħrajn dawk l-istanzi fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni ta' mhiux anqas minn żewġ terzi tad-deputati parlamentari sabiex artikolu fil-Kostituzzjoni jiġi emendat, mħassar jew miżjud. Artikolu 66 huwa wkoll riflessjoni tas-supremazija tal Kostituzzjoni fuq kwalunkwe liġi oħra.*

*108. Għaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula, ġialadarba ma ġietx impunjata l-proċedura li permezz tagħha Artikolu 52A sar jagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta bħala wieħed mill-artikoli kostituzzjonali mħarsa b'Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni; ġaladarba Att XX tal-2021 li bih ġie introdott l-Artikolu 52A fil-Kostituzzjoni għadda mill-proċess Parlamenti b'vot kważi unanimu u huwa entrenched bħal-provvedimenti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu (u provedimenti oħrajn) fl-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni; ġaladarba b'applikazzjoni ta' Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, Artikolu 52A huwa ugwali għall provvedimenti dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu, din il Qorti, fermi l-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula dwar id-diversi artikoli tal Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni invokati mir-rikorrent, tiddikjara illi fi kwalunkwe każ, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza fuq riferita, il-Qorti ma tistax tqis*

*li Artikoli 52A tal Kostituzzjoni jikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikoli 32 u 45 tal-istess Kostituzzjoni.*

Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

Fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem lanqas ma l-Qrati Maltin jistgħu jiddikjaraw Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni bħala li jikser il-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti tqis li l-Konvenzjoni Ewropea ma għandix effett dirett fil-ġurisdizzjoni Maltija iżda ngħatat effett in forza ta' Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea) li jipprovdi li:

*"fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu u dik il-liġi ordinarja għandha sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

Dan huwa kkonfermat mid-definizzjoni li Kapitolu 319 jagħti lil frażi "liġi ordinarja" adoperata f'Artikolu 3 (2) fuq ċitat:

*""liġi ordinarja" tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi ukoll regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta."*

Għaldaqstant fil-ġurisdizzjoni Maltija, filwaqt li l-liġijiet ordinarji huma soġġetti għall-Konvenzjoni Ewropea, il-Kostituzzjoni ta' Malta m'hijiex. Oltre' minn hekk, quddiem il-Qrati Maltin ebda dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ma tista' titqies li tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem formanti parti mil liġijiet ta' Malta bis-saħħa ta' Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u konsegwentament tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti.**

<u>**Decide**</u>

**GĦALDAQSTANT, din il-Qorti, wara li qieset il-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet magħmulha mill-partijiet, qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi :**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** stante li din ġiet sorvolata;

2. **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** stante li ma jeżistux il-presupposti sabiex tilqa' l-istess eċċezzjoni;

3. **Tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat tal-Istat** stante illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja ma setgħetx tiġi invokata mir-rikorrenti fl-ambitu ta' dak minnha rikjest bil-proċeduri odjerni;

4. **Tilqa' il-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat stante li ebda artikolu** fil-Kostituzzjoni ma jista' jitqies li huwa inkosistenti mal- jew jikser xi artikolu tal-istess Kostituzzjoni u stante li l-ebda parti mill-Kostituzzjoni ma tista' tinstab li hi inkompatibbli jew tikser id-drittijiet sanċiti bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

5. **U konsegwentament ticħad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |